Kuntatt
...ma' l-iskola t'ibnek
Ġunju 2007
Messaġġ mill-Kap ta' l-Iskola

## Sistema Ġdida ta' Assessjar

Żgur li kulħadd jaqbel li l-progress ma jiġix b'kumbinazzjoni. Jekk dak li jkun ma jippruvax jagħmel sforz biex jagħmel passi żgħar u spissi jibqa' fejn ikun. Ilkoll rajna lil xi tarbija titgħallem timxi u titkellem. It-tarbija tħares lejn il-mudelli ta' madwarha u tħoss il-ħtieġa li tagħmel sforz biex tipparteċipa magħhom.

Rispett lejn l-iskola bħala istituzzjoni, mudelli tajbin, motivazzjoni, impenn, parteċipazzjoni u identita` huma l-bażi ta' kull tagħlim u progress. Mingħajrhom mhux talli ma jsirx tagħlim u progress talli dak li jkun jaqa' lura u jħossu maqtugħ minn dawk ta' madwaru. Ftit ftit jibda jitlef il-fiduċja fih innifsu u jidħol f'ċirku vizzjuż li jwassal għat-telqa flok għall-ħeġġa lejn it-tagħlim.

Bħala skola ma nixtiqux li jkollna studenti li jitilfu l-pass u ma jindunawx fil-waqt u kmieni biżżejjed sabiex ikunu jistgħu jerġgħu jilħqu ma' l-oħrajn. Lanqas ma nixtiequ li jkollna studenti li ma jifhmux għaliex mhux sejrin tajjeb daqs kemm mixtieq. Inħossu li s-sistema ta' assessjar li għandna bħalissa mhijiex tajba biżżejjed biex tassigura li dan ma jiġrix.

Din il-fehma komplejna saħħaħnieha wara li tkellimna magħkom il-ġenituri u l-istudenti. Deher ċar li hemm qbil li l-iskola jkollha sistema ta' assessjar li:

- tpoġġi s-suġġetti kollha fuq l-istess livell u tassigura uniformità;
- tqis il-proċess tat-tagħlim u mhux biss ir-riżultat aħħari;
- tkejjel il-progress b'mod regolari; u
- tinforma lill-istudenti u lill-ġenituri dwar dan il-progress.

*... ikompli fil-paġna tan-nofs*

Tel: 21642427 Fax: 21642423
Email: sanbenedittu.bco@gov.mt
Website: http://schoolnet.gov.mt/kulleggsanbenedittubco

# Editorjal

## Dawk l-imberkin eżamijiet

Is-sena skolastika kważi spiċċat u dan huwa l-aħħar *Kuntatt* tagħna magħkom. Ġej is-sajf u miegħu ġejjin ukoll il-vaganzi tant mistħoqqa minna lkoll. Baħar, barbikjus, safar, ħruġ, festi u xalati ... Imma, qabel dan kollu, għad fadalilna nitilgħu biss l-aħħar tarġa, dik ta' l-eżamijiet.

L-eżami qiegħed hemm biex juri li dak kollu li tgħallmu wliedna ħakmuh sewwa u jafuh tajjeb. Mhux kulħadd jaqbel ma' l-eżami imma, wara kollox, l-eżamijiet ma ssibhomx biss fl-iskola imma kull meta niġu biex nieħdu deċiżjoni fil-ħajja tagħna ta' kuljum.

Xi ftit jew wisq l-eżami ma jixhidx biss ix-xogħol ta' ibnek. Jixhed ukoll ix-xogħol li għamilt miegħu inti d-dar wara l-iskola. Kemm ħdimt ma' ibnek tul is-sena biex dan jirnexxi? Ħasra li xi ġenituri għadhom ma fehmux l-importanza li għandha l-iskola għall-futur ta' wliedhom. Hasra li xi wħud għadhom ma rrealizzawx li jekk jeħlu wliedhom ikunu weħlu magħhom huma wkoll.

Aħna xogħolna għamilnieh u diġa` bdejna naħsbu għas-sena d-dieħla. Jalla li meta ibnek jirċievi r-riżultati ta' l-eżamijiet ikun jista' jgawdi tabilħaqq il-vaganzi u jieħu l-mistrieħ tiegħu ħalli s-sena skolastika li jmiss jibdieha fuq pedament sod.

**Bord Editorjali**: *D. Agius Muscat, P. Callus, G. Micallef, M. Zahra Sacco*
**Disinn**: *R. Mamo, D. Parnis*

## Proġett Comenius - Let's adopt an Ecosystem

Il-proġett tal-*Comenius* tkompla fil-Latvja fit-tieni ġimgħa ta' Mejju, fejn grupp ta' żewġ għalliema u erba' studenti mill-iskola tagħna żaru l-belt ta' Jelgava. Huma kellhom l-opportunità li jżuru diversi żoni f'din il-belt u madwarha biex josservaw is-sistema ekoloġika ta' dan il-pajjiż u jżuru diversi postijiet relatati ma' l-ilma. Waqt laqgħa fl-iskola f'Jelgava, wieħed mill-għalliema tagħna għamel preżentazzjoni li fiha ta r-riżultati tal-kampjuni ta' l-ilma li nġabru u li ġew analizzati waqt iż-żjara tad-delegazzjoni f'Marzu. Fil-Latvja, il-grupp kellu wkoll l-opportunità jżur xi postijiet storiċi u importanti f'dan il-pajjiż, fosthom il-belt kapitali Riga.

*K. Stagno Navarra*

## Sports Fest 07

Wara s-suċċess ta' *Sportsfest'06* id-Dipartiment ta'l-Edukazzjoni Fiżika reġa' organizza din l-attività b'tant suċċess nhar it-3 ta' Mejju bil-kollaborazzjoni tal-*Malta Olympic Committee* u l-*Health Promotion Department* taħt il-kappa tal-proġett *Shape Up*. Diversi attivitajiet ġew organizzati kemm għall-istudenti u kemm għall-ġenituri. L-attivitajiet kienu jikkonsistu f'*rugby*, baskitbol, atletika, futbol, *volleyball*, għawm, ċess u *table tennis*. Fost il-kelliema ewlenin li għamlu taħdidiet mal-ġenituri kien hemm Dr. Piscopo u Ms A. Muscat.

L-istudenti kellhom iċ-ċans jipparteċipaw ma' atleti ta' fama internazzjonali fosthom Justin Haber, Josef Mifsud u Reuben Debono fil-futbol u Diane Borg fl-atletika. Kellhom ukoll iċ-ċans jipprattikaw eżerċizzji taħt kowċis nazzjonali, fosthom is-Sur Dipietrantonio, is-Sur Gauci u s-Sur Damian Neill. Ma' dawn ingħaqdu wkoll l-atleti Carol Walsh, Mario Bonello, Therese Mallia u Frans Pace fejn dawn tkellmu ma' l-istudenti fuq l-importanza ta' l-isport fil-ħajja tagħhom.

Il-ġurnata kienet karatterizzata minn ikel bnin u tajjeb għas-saħħa ppreparat mit-tim tal-*Healthy Eating*. L-istudenti ġew mogħtija kremi protettivi minħabba x-xemx ta' matul il-ġurnata.

Din l-attività ma kinitx tkun suċċess li ma kienx għall-organizzazzjoni ta' R. Baldacchino u J. Mifsud, u ta' l-għalliema u l-*facilitators* li jaħdmu fil-Kulleġġ San Benedittu Sekondarja Subien.

## Lotterija Librerija

Il-biljetti rebbieħa tal-lotterija organnizzata mil-librerija, biex jinġabru fondi għall-xiri ta' kotba għal-librerija ta' l-iskola tagħna huma dawn:

L-ewwel premju: biljett blu, serje 7126, numru **157**

Il-premju huwa *Weekend Break* fir-*Riviera Resort and Spa*, ġentilment mogħti lilna minn *Polidano Group*.

It-tieni premju: biljett blu, serje 7126, numru **178**

Il-premju: Ikla għal tnejn l-*Eastern Breeze Restaurant – Intercontinental Hotel*, ġentilment mogħti lilna minn *Intercontinental Malta*.

Ir-rebbieħa huma mitluba li jikkuntattjaw lil Keith Scicluna (librar) mill-aktar fis possibbli.

# *Programm ta' l- Eżamijiet*

| | | L-Erbgħa 20 ta' Ġunju | Il-Ħamis 21 ta' Ġunju | Il-Ġimgħa 22 ta' Ġunju | It-Tnejn 25 ta' Ġunju |
|---|---|---|---|---|---|
| FORM 1 | L-1 sessjoni | Ingliż | Taljan*/Franċiż/ Ġermaniż/Spanjol | Malti* | Matematika* |
| | It-2 sessjoni | Ġeografija | Studji Soċjali | Reliġjon | Xjenza |
| FORM 2 | L-1 sessjoni | Malti* | Ingliż | Matematika* | HE/TD* |
| | It-2 sessjoni | Reliġjon | Storja | Ġeografija | ICT |
| FORM 3 | L-1 sessjoni | Taljan*/ Franċiż* | Matematika* | Ingliż | |
| | It-2 sessjoni | Storja | Reliġjon | Studji Soċjali | Ġeografija |
| FORM 4 | L-1 sessjoni | Matematika* | D&T | Taljan*/ Franċiż* | Malti* |
| | It-2 sessjoni | Studji Soċjali | ICT | Storja | Reliġjon |

***L-eżamijiet immarkati bl-* huma ta' sagħtejn.***
***L-ezamijiet l-oħra huma ta' siegħa u nofs.***

| SESSJONI | ĦIN |
|---|---|
| L-ewwel | 08:15 – 10:15 |
| **BREAK** | 10:15 – 10:30 |
| It-tieni | 10:30 – 12:00 |
| **VIP - Ingliż** | **08:00 – 10:15** |

| **Taqsir il-kliem** | **OPTION B** |
|---|---|
| HE | Home Economics |
| TD | Technical Design |
| DT | Design & Technology |
| CS | Computer Studies |
| BS | Business Studies |
| PE | Physical Education |
| SL | Scientific Literacy |

# Annwali - Ġunju 2007

| | | **It-Tlieta 26 ta' Ġunju** | **L-Erbgħa 27 ta' Ġunju** | **Il-Ħamis 28 ta' Ġunju** |
|---|---|---|---|---|
| FORM 1 | L-1 sessjoni | HE/TD* | Storja | D&T |
| | It-2 sessjoni | ICT | | |
| FORM 2 | L-1 sessjoni | Taljan*/Franċiż*/ Ġermaniż/Spanjol | Studji Soċjali | D&T |
| | It-2 sessjoni | Xjenza | | |
| FORM 3 | L-1 sessjoni | Malti* | D&T | |
| | It-2 sessjoni | Fiżika | ICT | |
| FORM 4 | L-1 sessjoni | Ingliż | | |
| | It-2 sessjoni | Ġeografija | Fiżika | |

***Waqt l-orali, l-istudenti huma mitluba jkunu l-iskola nofs siegħa qabel l-appuntament. Mhux ser ikun hemm trasport f'dawn il-jumejn.***

## IL-PROGRAMM TA' L-ORALI TAL-LINGWI - ĠUNJU 2007

**L-1 u t-2 sena JL** L-Erbgħa, 13 ta' Ġunju 2007
Il-Ħamis, 14 ta' Ġunju 2007
Il-Ġimgħa, 15 ta' Ġunju 2007

**L-1 u t-2 sena AS** Il-Ġimgħa, 15 ta' Ġunju 2007
It-Tnejn, 18 ta' Ġunju 2007
It-Tlieta, 19 ta' Ġunju 2007

**It-3 u r-4 sena** Il-Ġimgħa, 15 ta' Ġunju 2007
It-Tnejn, 18 ta' Ġunju 2007
It-Tlieta, 19 ta' Ġunju 2007

# *Imsieken! Nitħassarhom jien*

L-ewwel sitwazzjoni: Grupp ta' studenti li ġej minn ħarġa edukattiva jiddeċiedi li janima l-vjaġġ tar-ritorn lejn l-iskola. B'liema mod? Billi joqgħod jimita xi ħsejjes li jagħmel student ieħor b'diżabilità ...

It-tieni sitwazzjoni: Student jipprotesta ma' l-għalliem fil-klassi għax student bi bżonnijiet speċjali jkollu jixrob ta' spiss minħabba l-kundizzjoni tiegħu. L-istudent li pprotesta jallega li l-għalliem qed jimxi bil-preferenzi għax lill-istudent bi bżonnijiet speċjali jista' jixrob kemm irid u l-istudenti l-oħra ma jistgħux ...

It-tielet sitwazzjoni: Student ieħor fil-klassi jfettillu jagħmilha tal-*cool* u biex idaħħaq lil sħabu jimita student bi bżonnijiet speċjali ...

Għalkemm fit-tliet sitwazzjonijiet li semmejna hawn fuq ittieħdu l-passi neċessarji sabiex l-istudenti jintebħu li l-persuni bi bżonnijiet speċjali jeħtieġu r-rispett bħal kull persuna oħra, lili personalment, kienu episodji li inkwetawni ħafna.

X'jeħtieġ isir sabiex tissaħħaħ il-kultura ta' l-inklussività fl-iskola ?

▪ Min-naħa tal-Amministrazzjoni u l-għalliema jeħtieġ li jkomplu għaddejjin b'kampanja qawwija li tfiehem il-ħtieġa li kull persuna umana (inkluż min m'għandux l-istess kulur tal-ġilda tagħna) għandha dritt għal edukazzjoni xierqa, rispett u li tingħata l-opportunità li tiżviluppa t-talenti tagħha.

▪ Min-naħa ta' xi ġenituri jeħtieġ li jerfgħu r-responsabbiltajiet tagħhom u ma jibqgħux jippretendu li l-edukazzjoni hija xogħol l-iskola biss. Minflok li fil-familja jħallu lil uliedhom iqattgħu sigħat sħaħ fil-kumpanija velenuża ta' l-internet jew inkella jiddiskutu biss min għandu l-aqwa banda, l-isbaħ armar jew l-aktar nar li jdamdam, il-ġenituri għandhom jibnu djalogu ma' wliedhom fejn, fost l-oħrajn, jgħallmuhom l-importanza li nuru rispett lejn kull min hu differenti minna.

▪ Għandna nkomplu niżguraw li nkunu infurmati u aġġornati dwar kull żvilupp fil-qasam tal-persuni b'diżabilità sabiex nissaħħu fil-fehma tagħna li kull persuna, ikun xi jkun l-istat tagħha, għandha drittijiet fondamentali li jeħtieġu jiġu rispettati, imħarsa u msaħħin.

*R. Muscat*
*Assistent Kap*

## *Inħejju ruħna għall-vaganzi ma' Saħħa u Sigurtà*

Kif intom ħbieb? Issa li l-vaganzi tas-sajf jinsabu qrib ħafna u s-sħana qiegħda tagħmel tagħha, jiena Saħħa flimkien ma' oħti Sigurtà erġajna lura b'pariri siewja u mimlija interess bħal dejjem għall-aħjar ġid ta' saħħitkom.

**Saħħa:** Wara kollox dak hu d-dover tagħna, mhux hekk oħt?
**Sigurtà:** U żgur, u barra minn hekk, dan huwa l-aktar mument favorit għaliex nersaq fil-qrib ta' sħabna l-istudenti.
**Saħħa:** Naħseb aħjar nibdew mill-ewwel u ma nitilfux mill-ħin prezzjuż mela! X'għandek ippreparat għalina Sigurtà?
**Sigurtà:** L-aktar ħaġa li tallarmani f'dawn iż-żminijiet sħan hija l-ħsara kkawżata mir-raġġi qawwija tax-xemx.
**Saħħa:** Iva, veru, imma allura ma noħroġux u ma mmorrux baħar wara tant stennija għall-vaganzi?
**Sigurtà:** M'iniex ngħid hekk, però ħudu ħsieb li tipproteġu ruħkom sewwa, billi:

- ☺ tevitaw ix-xemx bejn il-ħdax u t-tlieta,
- ☺ tfittxu d-dell kemm tistgħu, tilbsu beritta u tindilku bi krema protettiva ta' *SPF* 20 u aktar,
- ☺ tixorbu bejn litru u nofs u żewġ litri ta' ilma minerali kuljum,
- ☺ iżżommu flokk fuqkom, anki waqt ħin l-għawm,
- ☺ <u>qatt</u> tinżlu tgħumu waħidkom u toħorġux 'il barra,
- ☺ <u>evitaw</u> il-logħob goff u ċ-ċajt bl-idejn waqt l-għawm,
- ☺ f'każ li titniggżu mill-bram, laħalħu bil-ħall abjad u żommu ż-żona sħuna. <u>Tużaw xejn aktar u araw tabib</u>.

**Saħħa:** Minbarra dawn il-pariri kollha, jien ser nieħu ħsieb ukoll li: nġorr kaxxa ta' l-ewwel għajnuna *(First Aid Box)* għall-bżonn f'każ ta' emerġenza, nevita li nimxi ħafi fuq ir-ramel, niekol ħafna frott frisk ta' l-istaġun, nipprattika xi sport favorit tiegħi, kif ukoll nagħmel l-aħjar użu mill-ħin liberu minflok ma noqgħod niġri barra fix-xemx.
**Sigurtà:** Tinsewx li n-numru ta' Emerġenza huwa **112**.
Filwaqt li nawgurawlkom vaganzi mill-aqwa, nħeġġukom tkunu prudenti u tipprattikaw dak kollu li qasmet magħkom oħti Saħħa.

***Il-vaganzi t-tajba.***

*R. Zammit*

## Il-Buddy System

Fl-aħħar ta' Mejju l-istudenti subien kollha tal-*Year 6* tal-Kulleġġ ġew fl-iskola tagħna. Wara li fl-ewwel parti tat-*Transition Exercise* li saret f'Diċembru ffukajna fuq is-suġġetti, issa din it-tieni parti saret sabiex l-istudenti jaraw kif taħdem skola sekondarja u x'hemm differenti minn skola primarja.

Kull student ta' l-ewwel sena kellu miegħu student tal-*Year 6* mill-istess raħal tiegħu bl-iskop li jservi ta' *buddy* (jew parrinu). Billi kienu mill-istess raħal, l-istudenti kważi dejjem kienu jafu lil xulxin u b'hekk il-kuntatt kien aktar personalizzat. B'hekk ukoll, is-sena d-dieħla jkunu jistgħu ifittxu lil xulxin meta jkun hemm bżonn l-għajnuna. Nemmnu fil-komunità u kif din tista' tgħin fl-iżvilupp ta' soċjetà mibnija fuq is-solidarjetà reċiproka.

Wara l-merħba mill-Kap ta' l-Iskola u mill-Assistent Kap, l-istudenti għaddew ġurnata flimkien isegwu l-lezzjonijiet tas-soltu.

Sadanittant, il-ġenituri kienu għal laqgħa mal-*Counsellor* u l-għalliema tal-*Guidance* dwar l-iżvilupp tat-tfal f'din il-fażi ta' ħajjithom u kif nistgħu flimkien ngħinuhom jgħaddu din il-bidla bl-inqas skossi possibbli.

B'kollox dan il-programm sar għal erba' darbiet u għalhekk bix-xieraq nirringrazzjaw lil kulħadd għas-sehem tiegħu.

*R. Mifsud*

## L-album ta' l-iskola (2005-2007)

Bħalissa l-iskola qiegħda tħabrek biex toħroġ album ta' tifkiriet li għaddiet minnhom kemm ilha mwaqqfa, jiġifieri dawn l-aħħar sentejn. Jekk Alla jrid dan l-album se jkun ippubblikat is-sena skolastika li jmiss u fih se jkun hemm, fost l-oħrajn, kitbiet ta' għalliema u ta' studenti, ritratti ta' l-istudenti tagħna, u ritratti oħra li jfakkruna fi ġrajjiet l-iskola tagħna tul dawn l-aħħar sentejn. Persważi li dan l-album se jkun tifkira sabiħa għalikom u għal uliedkom.

***F'għeluq din is-sena skolastika nawguraw lill-istudenti kollha suċċess fl-eżamijiet u mistrieħ mistħoqq fil-btajjel tas-Sajf.***

***SAĦĦA***

*...ikompli mill-ewwel paġna*

Bħalma kelli okkażjoni nħabbar f'Jum il-Premjazzjoni ta' din is-sena, grupp ta' għalliema ħadem sabiex ifassal sistema ta' assessjar ġdida. Barra li inkluda dawn l-aspetti t'hawn fuq, il-grupp ħa ħsieb ukoll li din is-sistema titħaddem b'mod elettroniku. Sabiex nassiguraw li din is-sistema tkun tista' tibda titħaddem minn Ottubru li ġej bħalissa qegħdin nippruvawha fuq skala żgħira. Kull għalliem qed jippruvaha ma' klassi waħda. Fl-istess ħin beda l-proċess li permezz tiegħu qed ninfurmaw lill-istudenti u lilkom il-ġenituri. S'issa saru laqgħat informattivi għall-istudenti kollha. Fi ftit tal-ġranet oħra, jekk kollox imur kif mixtieq, ser nibagħtulkom dak li fis-sistema l-ġdida ser ikun magħruf bħala *Rapport ta' Progress: Marzu - Mejju*. Għal din id-darba biss ir- *Rapport ta' Progress* se jagħti informazzjoni biss fuq numru żgħir ta' suġġetti. Hu maħsub li fl-istess żmien li tibda titħaddem is-sistema f'Ottubru li ġej, isiru laqgħat għalikom il-ġenituri.

Filwaqt li nħeġġiġkom tħarsu ftit lejn l-eżempju stampat u tiddiskutuh mat-tifel tagħkom nistedinkom biex minn issa tgħaddulna xi suġġerimenti u mistoqsijiet li jista' jkollkom. Nemmen li bil-għajnuna sħiħa ta' kulħadd dan il-proġett għandu jissarraf f'għodda tajba biex kull student ikun jista jirnexxi aħjar.

| Rendikont | Student | Karta ta' l-identita` | Klassi |
|---|---|---|---|
| Marzu - Mejju 2007 | Ġorġ Borg | 123491M | 5.5 |

| | Livell | Jobdi r-regoli ta' l-iskola | Jirrispetta lill-għalliem/a | Iġib dak kollu li hu meħtieġ | Kapaċi jaħdem fi gruppp | Jagħmel ħiltu | Jipparteċipa fil-lezzjoni | Jieħu ħsieb l-uniformi u d-dehra tiegħu | Medja |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Malti** | JL | A | A | B | B | B | B | Ċ | B |
| **Ingliż** | AS | Ċ | B | Ċ | Ċ | Ċ | Ċ | D | Ċ |
| **Matematika** | | | | | | | | | |
| **Storja** | | | | | | | | | |
| **Ġeografija** | | | | | | | | | |
| **Studji Soċjali** | | | | | | | | | |
| **Reliġjon** | | | | | | | | | |
| **Fiżika** | AS | B | Ċ | Ċ | B | B | Ċ | D | Ċ |
| **ICT** | | | | | | | | | |
| **Taljan** | | | | | | | | | |
| **HE** | | | | | | | | | |
| **Kimika** | | | | | | | | | |
| **PSD** | | | | | | | | | |
| **PE** | | | | | | | | | |

**A** – Sejjer tajjeb ħafna **B** – Sejjer tajjeb **Ċ** – Jeħtieġ jagħmel sforz akbar **D** – Jeħtieġ li immedjatament jibda juri impenn u serjetà

**Joseph Micallef**
**Kap ta' l-Iskola**

**25 ta' Mejju 2007**